**11 ta' Marzu, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmela Micallef

*versus*

Avukat Dr. Benedict Delia ne.

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Morożità — Notifika — Kuraturi**

*Notifika magħmula lill-kuraturi debitament maħtura biex jirrappreżentaw lil persuna assenti, skond il-liġi, għandha titqies li hi notifika magħmula lill-istess persuna.*

*Interpellazzjoni magħmula b'ċitazzjoni fejn jintalab il-ħlas ta' kera skadut hija nterpellazzjoni għall-ħlas tal-istess kera, valida u effikaċi għall-finijiet tal-Liġi tal-Kera.*

*B'mod illi, jekk persuna assenti kellha żewġ kawżi kontra tagħha għall-ħlas ta' kera minnha dovut, u fil-kawżi kie-*

*nct rapprezentata minn kuraturi, ma jistgħax jingħad li hija ma kellhiex żewġ interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-kera kif trid il-liġi biex tista' tiġi kundannata tiżgombra minħabba morożità.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex tiġi awtorizzata tirriprendi pussess tal-fond ossija garage no. 105 Pinto Street, Qormi, billi l-intimat baqa' morus f'aktar minn żewġ skadenzi;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tas-27 ta' Novembru 1962, li biha laqa' t-talba u ta xahar żmien għall-iżgumbrament; bl-ispejjeż kontra l-intimat; wara li kkunsidra;

Illi ma hemmx kwistjoni illi l-intimat verament għal aktar minn żewġ skadenzi baqa' morus fil-pagament tagħhom. Infatti, b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-10 ta' Ġunju 1960 in re "Micallef vs. Dottor V. Frendo et ne.", huwa ġie kundannat iħallas il-kera ta' sena u sitt xhur sat-30 ta' Mejju 1960, u l-ħlas sar in segwitu għas-subasta fl-ismijiet "Micallef vs. Mifsud Bonnici," li saret fiż-17 ta' Frar 1961. B'sentenza tal-istess Qorti tal-Kummerċ tal-4 ta' Mejju 1961 l-istess Misrahi, fil-persuna tal-kuratur tiegħu, ġie kundannat iħallas ta' sena kera oħra. u l-ħlas sar fit-12 ta' Ġunju 1961. kif xehdet ir-rikorrenti;

L-intimat però jgħid illi huwa kien imsiefer u marid fi sptar, u lanqas ma kien jaf bil-proċeduri li saru kontra tiegħu, u kwindi anqas ma hemm l-interpellazzjoni li trid il-liġi;

Il-Bord ma jistgħax jaqbel mal-intimat. Ir-rikorrenti, bit-talba għall-ħlas quddiem il-Qorti tal-Kummerċ u kontra kuraturi skond kif trid il-liġi tal-proċedura, innotifikat regolarment lill-intimat. Jekk il-kuraturi avżawx jew le lill-intimat hija kwistjoni oħra. imma jibqa' dejjem illi t-talba għall-ħlas saret, u saret lill-persuna li kellha r-rappreżentanza tal-intimat. Kieku kellha tiġi aċċettata t-teżi tal-intimat, ir-riżultat kien ikun illi, jekk persuna ssiefer u ħadd ma jkun jaf fejn qegħdha, u ma tħallasx il-kera, is-sid ma jkun qatt jista' jieħu l-post lura. għaliex l-interpellazzjoni għall-ħlas ma tkunx valida għall-fini tal-morożità;

Rat ir-rikors li bih l-intimat appella minn dik id-deċiżjoni u talab li tiġi revokata, u t-talba tal-appellata tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Bord;

In-notifika magħmula lill-kuraturi debitament maħtura biex jirrappreżentaw lill-persuna assenti, skond il-liġi, għandha titqies li hi notifika lill-istess persuna;

F'dan il-każ, mill-ittri tal-appellant miktubin lil Dr. Schembri, avukat tal-appellata, jidher illi hu kien jaf bil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li kienu qegħdin isiru kontra tiegħu. Ma jistgħax assolutament ikun hemm dubju illi nterpellazzjoni magħmula b'ċitazzjoni fejn tintalab il-kundanna għall-ħlas tal-kera skadut hija nterpellazzjoni għall-ħlas valida u effikaċi għall-finijiet tal-Liġi tal-Kera;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant. Iż-żmien tal-iżgumbrament jibda jgħaddi mil-lum.